KLR 36/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membri Joe Debrincat, Josef Schembri, Josephine Cassar, Marcel Tabone, Michel Buttiġeiġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill- Minuti**

1.1 Il-kunsillier Debrincat issuġġerixxa li mal-*litter bins* f'taċ-Ċawla H.E. isiru tabelli żgħar li juru li ma jistax jintefa skart domestiku fihom. Barra li jsiru dawn it-tabelli, l-membri qablu li jiżdiedu l-*litter bins* quddiem Blokk D, isiru tabelli li jrid jinġabar il-ħmieġ tal-klieb u tabelli fejn tinġibed l-attenzjoni kontra l-vandaliżmu.

1.2 Il-kunsillier Debrincat għarraf lill-preżenti li tlesta x-xogħol ta' *patching* fi Triq Wied Sara.

1.3 Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija li ħafna sewwieqa mhux qed josservaw ir-regolament li Triq Mons. Luiġi Vella hi magħluqa għat-traffiku bil-lejl.

1.4 Il-membri qablu li d-dawl ta' Pjazza Indipednenza jintefa matul il-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ. Dan minħabba t-tiżjijn tad-dawl.

1.5 Dwar il-kaxxa tad-dawl li twaħħlet quddiem Blokk B f'taċ-Ċawla, il-membri qablu li din titpoġġa ma' l-entratura prinċipali li mhix privata.

1.6 Il-membri qablu li żewġ bankijiet ta' quddiem l-istess Blokk B, jiddawru u jiġu jħarsu lejn it-triq.

1.7 Il-kunsillier Tabone issuġġerixxa li qabel il-festa ta' San Ġorġ tinħasel Triq Palma. Is-Sindku żied li għandha wkoll tinħasel triq il-Karita'. Il-membri qablu li jsir dan wara li jinġabu l-istejjem.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni 117 ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondata mill-kunsilliera Cassar.

**Mozzjoni numru 117**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob lill-Kunsill biex lampa li kienet ġiet trasferita għal fuq ir-residenza ta' numru 66 fi Triq San Duminku, terġa' tiġi trasferita lura fil-post oriġinali tagħha biex b'hekk tkun in-linja mal-lampi l-oħra li huma fl-istess triq.**

**Nitlob ukoll li jiżdied il-vultaġġ tal-bozoz kollha f'din it-triq peress li l-bozoz eżistenti ma' tantx juru u t-tirq tinsab imdallma.**

**Nitlob ukoll permezz ta' l-istess mozzjoni biex jitranġaw il-bankini ta' Triq San Duminku peress li hemm bankini li ilhom li saru ħafna u biċċiet minnhom huma perikolużi għal min jużhom.**

Il-membri qablu li qabel issir it-talba biex tiġi spostjata l-bozza, jintalab il-permess ta' sid id-dar fejn trid terġa' teħel mill-ġdid. Dwar is-saħħa tad-dawl għall-lampi ta' din it-triq, il-Kunsill ser jitlob il-veduti ta' l-Enginiera ta' l-Enemalta u anke' jiġi kkunsidrat li jisru *enery saving.* Fir-rigward tal-bankini il-Kunsill ser jitlob stima tal-Perit biex jiġu rranġati dawk li huma miksura.

Mozzjonijiet numri 118 u 119 ġew imressqa mis-Sindku u ssekondati mill-kunsilliera Buttiġieġ u Cassar rispettivament.

**Mozzjoni numru 118**

**Il-Kunsill tagħna għandu opportunita' unika sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu rigward ir-riforma li l-Gvern qed jipproponi għall-Kunsilli Lokali. Din l-opportunita' għanda tiġi sfruttata bl-aħjar mod possibbli minħabba l-fatt li s-sitwazzjoni preżenti li jrid jaħdem fiha l-Kunsill tagħna hi waħda nġusta, diskriminatorja u ma tirriflettix ir-realtajiet kumplessi ta' Beltna.**

**Fid-dawl ta' dan qiegħed nipproponi li jiġi kompost kumitat magħmul minn eks-Sindki tal-loaklita' tagħna bħala individwi li għandhom esperjenza diretta dwar l-operat tal-Kunsilli, sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jagħtu l-ideat tagħhom dwar il-proċess kollu. Nissuġġerixxi wkoll li meta r-rapport ikun lest, issir laqgħa pubblika dwaru sabiex inkunu nistgħu nisimgħu firxa iktar wiesgħa ta' ħsibijiet u ideat biex dawk li jkunu validi għall-kuntest ta' l-eżerċizzju li qed nagħmlu, jiġu nkulżi wkoll mar-rapport. Ir-rapport imbgħad għandu jiġi diskuss u approvat mill-Kunsill preżenti biex imbgħad jintabagħt lill-Uffiċċju tal-Prim Minsitru għal konsiderazzjoni.**

Il-membri qablu unanimament ma din il-mozzjoni.

**Mozzjoni numru 119**

**Nipproponi li tintalab stima sabiex jitranġa l-gandott ta' Triq Vajrinġa li sar mit-Tielet Kunsill. Dan kien sar sabiex l-ilma tax-xita jaqleb taħt il-bankina fl-ewwel parti ta' din it-triq. L-istess gandott saritlu xi ħsara bil-vetturi tqal li għaddew minn fuqu.**

Il-membri qablu li tintalab stima ta' dan ix-xogħol.

**3. Sistema tal-Parkeġġ Ikkontrollat fir-Rabat**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jiġu emendati r-regolamenti ta' l-Iskema tal-Parkeġġ Ikkontrollat u ntalbu l-veduti tal-Kunsill. Il-membri rrivedew ir-regolamenti u qablu li:- l-ħruġ tal-permssi jistgħu jiġu mġedda mal-ħruġ tal-liċnezji tal-vettura u mingħajr ħlas; ir-resdenti Rabtin kollha jibqa jkollhom il-permess ta' Żona A; ġiet riveduta wkoll il-lista' tat-toroq li huma nklużi fiż-żona u anke' l-ħinijiet.

**4. *Update* dwar il-Monti**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet ftehim li saru għandu in-Nutar Kristen Dimech fejn intalbu li Mary Grace Meilaq tiġi topera minn kaxxa ta' fuq il-monti numru 27, Mario Azzopardi jiġi jopera minn kaxxa numru 32 u Clementa Meilaq topera minn kaxxa 24. Sammy Meilaq trasferixxa l-kaxxa tiegħu lill-ibnu Robert u dan ta' l-aħħar ser jiġi jopera minn kaxxa numru 23. Annie Azzopardi ser tibda' topera f'kaxxa 28. Intalab ukoll sabiex Johnny Azzopardi jkun is-sostiut ta' Clementa Meilaq. Dan ma jistax isir peress li dawn ma jiġux minn xulxin.

Tressqet korrispondenza mingħand l-Av. Kevin Mompalao li kiteb għan-nom ta' Linda Cassar. Din talbet kaxxa fuq il-monti peress li qalet li hemm bosta kaxxi li mhux jintramaw kif suppost. Fl-ittra hemm imniżżel li l-Kunsill qed jingħata ċans sabiex jagħmel dan sa żmien xahar. L-ittra se tiġi riferita lill-avukatessa tal-Kunsill fejn din tinfurma lill-Av. Mompalao li s-sitwazzjoni dwar il-kaxxi fis-suq fil-beraħ fi Pjazza Indipendenti (it-Tokk) mhix hekk kif deskritta fl-ittra tiegħu u li uffiċjalment m'hemm l-ebda kaxxa vojta.

Ġie mressaq ċertifikat mediku fejn juri li Mary Rita Żammit li topera minn kaxxa numru 6, bħalissa hi ndisposta li taħdem minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is-Sindku għarraf lill-membri li Joseph Bugeja li hu bejjiegħa tal-ħut, ressaq mandat fil-Qorti t'Għawdex kontra il-Kunsill. Dan sabiex ma jiġix spostjat minn fejn jopera preżentament. Il-Kunsill Lokali permezz ta' l-Avukatessa rrisponda l-mandat u ser jistenna d-deċiżjoni tal-Qorti.

Rigward il-monti in generali, il-memri qablu li l-gwardjani lokali jiġu mqabbda jispezzjonawh regolarment sakemm kollox ikun kif titlob il-liġi.

## 5. Permess ta' Pjazza San Ġorġ u diskussjoni dwar il-programm ta' ħidma tal-Kunsill

Il-membri tal-Kunsill ġew mgħarrfa li t-talba sabiex isir ix-xogħol ta' kisi ta' pjazza San Ġorġ ġiet approvata mid-Development Control Commission (DCC). Qabel jinħareġ il-permess tal-MEPA trid issir garanzija bankarja ta' €10,000. Din tkopri l-monitoraġġ arkeoloġiku minn naħħa tal- MEPA.

Is-Sindku rrimarka li b'sodisfazzjon li l-proċess twil li għaddiet minnu din l-applikazzjoni partikolari fl-aħħar wasal fi tmiemu u li issa hemm l-approvazzjonijiet kollha biex dan il-proġett ambizzjuż jiġi implimentat. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni mill-Viċi Sindku li l-Kunsill irid joqod attent minħabba li dan il-proġett sejjer jiswa eluf kbar ta' euro u għaldaqstant jaf jiddrea problemi finanzjarji lill-istess Kunsill.

Is-Sindku tenna li għalkemm jaqbel mal-Viċi Sindku, hu jemmen li dan il-proġett ilu snin fiċ-ċentru tal-ħsieb tad-diversi kunsilli li rrapreżentaw lill-beltna u li issa li fl-aħħar ħareġ il-permess neċessarju, jixraq li dan il-proġett jiġi implimentat. Hu sostna li fl-opinjoni tiegħu għandhom jiġu esplorati possibilitajiet diversi ta' finanzjament, possibilment mill-Gvern jew minn xi entita' tal-Gvern. Kompla li diġa kkorisponda mal-Prim Ministru biex jippruvaw isibu soluzzjoni għal dan. Finalment, is-Sindku tenna li fl-opinijoni tiegħu, anki jekk ma jinstabux fondi addizjonali biex dan il-proġett ikun jista' jsir, il-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni tad-dipartiment sabiex ikun jista' jissellef il-fondi neċessarji mill-bank. B'hekk il-Kunsill ikun qiegħed jimxi ma' l-istess regolamenti li jigvernaw l-amministrazzjoni ta' l-istess Kunsill.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-istejjem lill-Perit tax-xogħol li l-Kunsill għandu ppjanat għal din is-sena sal-laqgħa li jmiss. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni iktar infurmata.

Kien hemm qbil ukoll li isir il-kisi ta' parti mit-triq ta' faċċata ta' Triq Sette Gugnio u dan ser jiġi nkluż fil-fondi ffinanzjati mill-Minsiteru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali għax-xogħol f'Taċ-Ċawla H.E.

## 6. Korrispondenza

Tresqet korrispondenza mingħand:-

6.1 l-organiżżaturi tal-Wirja tal-Biedja u Snajja 2008. Intalab il-permess sabiex jintuża l-grawnd Leli Farrugia bħas-snin l-imgħoddija bejn is-7 u s-17 ta' Awwissu 2008.

Il-membri qablu li jinħareġ il-permess bil-kundizzjonijiet li l-post jitnaddaf u jekk issir xi ħsara tiġi rranġata;

6.2 il-MEPA:-
6.2 (i) dwar PA 06782/07 fejn inħareġ il-permess biex tiġi *upgraded area* f'taċ-Ċawla H.E.;

6.2 (ii) is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar applikazzjonijiet ġodda bin-numru 02641/08 u 02642/08 ta' Marc Muscat, CEO, biex issir trinka u jitpoġġa *main* ta' l-ilma u tad-drenaġġ fit-toroq Guże Ellul Mercer, Għajn Qatet, Gedrin, Pjazza fuq it-Tomba u Vajrinġa. Il-Kunsill se jitlob sabiex ikun ikkonsultat il-ħin kollu bix-xogħol li se jkun sejjer isir sabiex jiżgura li dan ix-xogħol joħloq l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti;

6.2 (iii)dwar PA 02661/08 fejn minn naħħa ta' l-Enemalta intalab sabiex issir trinka u jitpoġġa *cable* tad-dawl fi Triq Mro. Ġużeppe Giardini Vella. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-Kunsill li bgħatet ittra reġistrata lill-MEPA fejn infurmathom li din it-tirq tird titħalla kif inhi illum peress li t-tarmac ilu biss seba' snin li sar. Il-Kunsill se jitlob sabiex ikun ikkonsultat il-ħin kollu bix-xogħol li se jkun sejjer isir sabiex jiżgura li dan ix-xogħol joħloq l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti;

6.2 (iv)dwar PA 00321/08 fejn intbgħat ir-rapport tad-Development Permit Application (DPA) tal-monumnet f'ġieħ Dun Alwiġ Vella;

6.3 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fejn qed jipproponu li jinbidel l-isem ta' Triq Borġ Geritu. Il-membri qablu li qabel tittieħed deċiżjoni jiġu kkonsultati n-nies ta' din it-triq;

6.4 l-ADT fejn ġiet approvata *traffic mirror* għal Triq Ġuze' Ellul Mercer;

6.5 l-S.K. Victoria Wanderers fejn talbu sabiex issir attivita' fi Pjazza Indipendenza nhar is-Sibt 23 ta' Awwissu 2008. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

6.6 il-Fondazzjoni Arka fejn intalab permess sabiex fit-2 ta' Awwissu 2008 issir attivita' b'risq il-fondazzjoni fil-parkeġġ ta' wara l-Bus Terminus. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

6.7 il-Gozo College fejn intalab li l-parkeġġ ta' maġenb l-Arkadia fi Triq Fortunato Mizzi jiġi magħluq waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-istudenti mill-iskola Aġuis De Soldanis. Filwaqt li l-Kunsill jaqbel li quddiem il-*gate* ta' l-iskola jinżamm bla vetturi, ma jaqbilx li l-parkeġġ jingħlaq kif qed jiġi suġġerit. Il-Kunsill ser jissuġġerixxi li kemm id-dħul u kemm il-ħruġ ta' l-istudenti jsir minn Triq l-Ewropa. Jekk ikun hemm bżonn għanda wkoll issir laqgħa mal-Kap ta' l-Iskola u mal-Kunsill tal-Ġenituri.

**7. Materji Oħra**

Il-membri qablu li:-

7.1 japplikaw għall-fondi mill-*Urban Improvement Fund* (UIF) għax-xogħol li sar tad-dawl fi Pjazza Indipendneza u għax-xogħol li sar f'Qasam San Ġroġ;

7.2 l-kuntratt tat-tindif tal-latrini jiġi mġedded *in principio* għal sentejn oħra. Sar qbil li l-Kunsill isejjaħ lill-Kuntratturi sabiex issir diskussjoni qabel jiġi mġedded formalment il-kuntratt;

7.3 jiġu sottomessi żewġ applikazzjonjiet mal-MEPA sabiex jiġu restawrati n-niċċeċ ta' San Alwiġi Consaga u San Ġorġ tal-Ħaġar;

7.4 jinxtraw 20 ktieb ( €6.30 kull wieħed) bl-isem 'Is-Siġra tal-Ħajja'. Dan ġie preparat minn studenti tal-PSD għall-studenti tas-sitt sena;

7.5 l-Kunsill jorgaiżża attivita fi Pjazza Katidral qabel il-festa ta' Santa Marija. Din nhar it-8 ta' Awwissu 2008. L-attivita' għandha ġġib l-isem ta' Citadel Rocks u ser tintalab l-għajnuna fl-organiżazzjoni ta' l-Aurora Youth Movement. In-nefqa totali m'għandiex taqbeż is-somma ta' €585.

7.6 Issejjaħ jidħol fil-kamra is-Sur Joe Curmi li hu ħaddiem minn ta' l-IPSL li ġew offruti mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali. Ġew spjegati xi dettalji u xogħol li l-Kunsill jippretendi li jsir minn naħħa ta' dan il-ħaddiem. Wara dan ħalla l-kamra. Il-membri qablu li tintbgħat korrispondenza lis-Supretendent tal-Pulizija rigward il-vandaliżmu li qed isir fil-*playing field*.

Il-laqgħa spiċċat fi-1.30 ta' wara nofs in-nhar. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 30 ta' Lulju 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

Robert Tabone
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv